MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CAROL PERALTA

Seduta tad-19 ta' Frar, 2003

Numru 1031/2002

**PULIZIJA**
**SPETTUR RAMON MERCIECA**

**VS**

**GERALD MANGION**

**Illum 19 ta' Frar 2003.**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Gerald Mangion ta’ 45 sena, bin missier mhux maghruf u Maria Rita Johnson nee’ Mangion, mizzewga lil Alexander Johnson, imwieled Pieta’ fit-2 ta’ Dicembru 1956 u joqghod No. 23, Triq Antonio Agius, Floriana, detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 804156 (M);

Talli fit-17 ta Ottubru 2002, ghall-habta ta’ l-19.30 Hrs, gewwa Floriana:

1. Attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b’hebb ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuna ta’ PC 1077 Anthony Tehwma, persuna inkargiata skond il-Ligi minn servizz pubbliku fil-waqt li kien qieghed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-Ligi jew ta’ ordni moghtija skond il-ligi minn Awtorita’ kompetenti;

2. Ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta’ PC 1077 Anthony Thewma persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kien jaghmel jew minhabba li ghamel dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz;

3. Ghamel offiza ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ PC 1077 Thewma skond kif iccertifika Dr. Marcel Schembri MD, mic-centru tas-sahha Florjana;

4. Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioe’ hsara fl-uniformi ghad-detriment tal-Gvern ta’ Malta;

5. Irrifjuta jaghti jew ta falz, lill-ufficjal pubbliku jew lil wiehed iehor inkarigat minn servizz pubbliku waqt li kien jaghmel id-dmirijiet tieghu, ismu, kunjomu, fejn joqghod u partikolaritajiet ohra;

6. Hebb ghal Joseph Bugeja mill-Florjana u PC 1077 sabiex jingurjhom, idejjaqhom jew jaghmlilhom hsara;

7. Volontarjament kiser il-paci pubblika u l-bon ordni b'ghajjat u glied;

8. Qal fil-pubbliku kliem indecenti u oxxen, liema kliem kien jikkonsisti f'dagha fil-pubbliku;

9. Bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta' Joseph Bugeja mill-Florjana u PC 1077, weggaghhom bi kliem b'gesti jew b'mod iehor;

10. Imbotta lill-imsemmi Joseph Bugeja mill-Florjana U PC 1077 sabiex iweggaghhom jew jinsulentahom;

U aktar talli sar recediv b'sentenza li saru definittivi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-11 ta' Dicembru 1997 (Awla 4) u fit-23 ta' Ottubru 2001 preseduta mill-Magistrat Dr. D. Montebello LL.D.

Wara illi rat l-Artikoli 96 (a), 95 (1), 221 (1), 325 (c), 338 (g), 339 (d) u (e), 338 (dd), 338 (bb), 342, 252 (1), 339 (1) u 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkonsidrat:

Illi l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ta' l-imputat, ma' thalli ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti, hlief li ssib lill-istess imputat hati ta' kif akkuzat mill-Prosekuzzjoni.

Illi wara li hadet in konsiderazzjoni illi l-imputat skuza ruhu pubblikament ghall-incident u r-rinunzja ghall-azzjoni kriminali, din il-Qorti filwaqt li ssib lill-imputat hati qeghda tilliberah bil-kondizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fiz-zmien xahar mil-lum a tenur ta' l-artikolu 9 tal-kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta.

Din il-Qorti qeghda wkoll tobbliga lill-imsemmi imputat li jzomm il-bonordni u l-kwiet ma' l-istess Joseph Bugeja u PC 1077 u li jekk b'xi mod jonqos minn dan, tobbligah li jhallas is-somma ta' mitt lira maltin (Lm100), u din l-obbligazzjoni ghandha tibqa' ssehh ghall-perjodu ta' sena mil-lum.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

-------------------------------TMIEM-------------------------------